DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Ottubru 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha

(notifikata bid-dokument C(2013) 7162)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/636/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(i) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw b'mod ġenerali l-ikel u l-għalf, u b'mod partikolari s-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali. Dan jistipula miżuri ta' emerġenza meta jkun evidenti li ikel jew għalf impurtat minn pajjiż terz huwa mistenni li jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, u li tali riskju ma jistax jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/866/KE tat-12 ta' Novembru 2008 dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([2]) ġiet adottata wara tifqigħa tal-epatite A fil-bnedmin relatata mal-konsum tal-molluski bivalvi importati mill-Perù li kienu kontaminati mill-vajrus tal-epatite A (HAV). Dik id-Deċiżjoni għall-bidu kienet applikabbli sal-31 ta' Marzu 2009 iżda dan il-perjodu ta' applikazzjoni kien ġie estiż sat-30 ta' Novembru 2013 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/729/UE tat-23 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE, dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha ([3]).

(3) L-Awtorità Kompetenti Peruvjana ppreżentat tagħrif addizzjonali rigward il-miżuri korrettivi li ġew implimentati biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fis-sistema ta' kontroll ta' ċerti molluski bivalvi. Madankollu, għad baqa' għadd ta' kwistjonijiet pendenti. B'mod partikolari, ir-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ għall-aħħar sena ma jinkludux il-kontroll tal-gandoffli Donax (*Donax spp*) li nstab li kienu l-oriġini tat-tifqigħa. Għaldaqstant, ma jistax jiġi konkluż li l-garanziji mogħtija mill-Awtorità Kompetenti Peruvjana sal-lum huma biżżejjed biex titneħħa l-miżura ta' emerġenza.

(4) Għalhekk, il-limitu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/866/KE għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2008/866/KE, id-data "30 ta' Novembru 2013" għandha tiġi sostitwita bid-data "30 ta' Novembru 2014".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 307, 18.11.2008, p. 9.
([3]) ĠU L 327, 27.11.2012, p. 56.